19 ta' Jannar, 1956.

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Salvu Seychell bin il-mejjet Rosario
*versus*
Salvu Seychell, bin il-mejjet Michele

## Annimali — Mogħoż — Ħalib — Gwież — Kummerċjant — Kompetenza

*In-natura ta' att għandha titqies mill-finalità tiegħu fil-mument li jsir in-negozju.*

*Għalkemm skond ġurisprudenza relattivament reċenti kien ġie ritenut illi l-akkwist ta' mogħoż għall-bejgħ tal-ħalib huwa att tal-kummerċ, u, bħala korollarju, ta' l-istess natura l-akkwist ta' ġwież għal dawk il-mogħoż, pure aktar reċentement ġie deċiż li min ibiegħ il-ħalib ma għandux jiġi meqjus bħala kummerċjant, u l-bejgħ tal-ħalib ma jikkostitwix att tal-kummerċ.*

*Ix-xiri ta' annimali biex jiġu msemmnin, bħala att aċċessorju għar-raba', għandu jiġi preżunt li sar mix-xerrej għal konċim, u jibqa' dejjem att ta' natura ċivili, anki jekk l-akkwist isir bl-intenzjoni li dawk l-annimali jiġu mibjugħa wara li jkunu ġew imsemmnin. Għaldaqstant, min jagħmel akkwist ta' annimali f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li kellu l-kwalità ta' kummerċjant meta għamel dak l-akkwist, jew li dak in-negozju tiegħu għandu karattru kummerċjali.*

*Għalhekk ukoll, l-azzjoni tal-kreditur għall-prezz tal-ġwież kontra dak ix-xerrej, li dan xtara għal dawk l-annimali, tidħol fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, peress li l-attur hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' £88, u dan kwantu għal £29 bilanċ tas-somma ta' £89, prezz ta' ġwież li minnu l-konvenut ħallas £60, u kwantu għal £29 oħra prezz ta' majjala; u peress illi għandu jieħu £61 prezz miftiehem ta' żewġ majjali, u għandu

jagħti lill-konvenut £31 prezz ta' mogħoż li begħlu l-konvenut; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £88, *bilanċ dovut* lill-attur, meħudin in konsiderazzjoni l-£31 dovuti mill-attur lill-konvenut. Bl-imgħax skond il-liġi, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inkompetenza:

Illi l-attur qiegħed jitlob minn għand il-konvenut il-ħlas tal-bilanċ *ta' £88*, lilu dovut bħala prezz ta' ġwież u ta' majjala;

Illi l-konvenut, fix-xhieda tiegħu (fol. 12 et seq.), iddikjara illi l-ġwież xtrahom biex iservu għall-mogħoż tiegħu, li l-ħalib tagħhom huwa jikkunsinnah lill-Milk Marketing Undertaking, għad li, meta ma jaħilbux iżjed, ibiegħhom; u kwantu għall-majjala, iddikjara illi hu xtraha ġa mgħammra, biex meta jkollha l-frieħ isemminhom u jbiegħhom għal-laħam;

Illi, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Carmela Saliba vs. Michele Mula", deċiża fit-3 ta' Diċembru 1954, skond prinċipju komunement aċċettat, in-natura ta' att għandha titqies mill-finalità tiegħu fil-mument li jkun sar in-negozju. Issa, irriżulta li l-ġwież in kwistjoni l-konvenut xtrahom biex jitma l-mogħoż li kellu għall-bejgħ tal-ħalib; u għalkemm sa żmien relattivament reċenti kien ġie ritenut illi l-akkwist ta' mogħoż għall-bejgħ tal-ħalib huwa att ta' kummerċ (Kollez. XX-II-353, u XXXI-III-209), u bħala korollarju, ta' l-istess natura l-akkwist ta' ġwież għal dawk il-mogħoż, pure, bis-saħħa tas-sentenza fuq riferita tat-3 ta' Diċembru 1954, min ibiegħ il-ħalib ma għandux jiġi meqjus bħala kummerċjant, u l-bejgħ tal-ħalib ma jikkostitwix att ta' kummerċ;

Illi, kwantu għall-prezz tal-majjala, ormaj hu ċert fil-ġurisprudenza tagħna illi x-xiri ta' annimali biex jiġu msemmnin, bħala att aċċessorju għax-xogħol tar-raba', għandu jiġi preżunt li sar mix-xerrej għall-konċim, u jibqa' dejjem

att ta' natura ċivili, anki jekk l-akkwist isir bl-intenzjoni li dawk l-annimali jiġu mbgħad mibjugħa (Kollez. XXXI-III-209). Issa, mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenut għandu żewġ għelieqi, u li jiżragħhom silla għall-mogħoż tiegħu;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidherx li l-operazzjoni in kawża għandha karattru kummerċjali, u li l-konvenut, meta għamel in-negozju, kellu l-kwalità ta' kummerċjant;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, u tiddikjara ruħha kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut:

Il-kawża tibqa' differita għall-10 ta' Marzu 1956, biex titkompla fil-meritu.

---